

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tad-29 ta' Marzu 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja, L-Ungerija, Ir-Repubblika tal-Litwanja, Ir-Repubblika Slovakkja, Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

(Kawża C-504/09 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Ambjent — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra — Pjan nazzjonali tal-allokkazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet għar-Repubblika tal-Polonja għall-perijodu 2008-2012 — Artikolu 9(1) u (3) u Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/87 — Kompetenzi rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri — Trattament ugwali”)

(2012/C 151/02)

Lingwa tal-proċedura: il-Pollakk

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Kružíková u K. Herrmann, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-Kummissjoni: Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentant: C. Vang, aġent)

Partijiet oħra fil-proċeduri: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: M. Szpunar, M. Nowacki u B. Majczyna, aġenti), L-Ungerija, Ir-Repubblika tal-Litwanja, Ir-Repubblika Slovakkja, Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: H. Walker, aġent u J. Maurici, barrister)

Partijiet intervenjenti insostenn tar-Repubblika tal-Polonja: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek u D. Hadroušek, aġenti), Ir-Rumanija (rappreżentanti: V. Angelescu u A. Cazacioc, konsulenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) tat-23 ta' Settembru 2009, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-183/07), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 1295 finali, tas-26 ta' Marzu 2007, dwar il-pjan nazzjonali tal-allokkazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mir-Repubblika tal-Polonja għall-perijodu 2008-2012, inkonformità mad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-

13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 631) — Prinċipju ta' *ne ultra petita* — Limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju — Ksur tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza — Interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 296 TFUE, tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, kif ukoll tal-Artikoli 1(1), 2(1) u 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 1295 finali

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

(3) Ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Rumanija kif ukoll ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 51, 27.02.2010.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tad-29 ta' Marzu 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonja, Ir-Repubblika tal-Litwanja, Ir-Repubblika Slovakkja, Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

(Kawża C-505/09 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Ambjent — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra — Pjan nazzjonali tal-allokkazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet għar-Repubblika tal-Estonja għall-perijodu 2008-2012 — Kompetenzi rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri — Artikolu 9(1) u (3) u Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/87 — Trattament ugwali — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba”)

(2012/C 151/03)

Lingwa tal-proċedura: l-Estonjan

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Kružíková, E. Randvere u E. White, aġenti)